II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2018

tal-15 ta' Novembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Settembru 2021 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Central Bank of Ireland (BĊE/2021/44) [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Fl-2016, il-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għażel lil Mazars bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.

(3) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland, Mazars, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2020. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.

(4) Il-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland bihsiebu jestendi l-mandat ta' Mazars għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.

(5) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Mazars jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għas-snin finanzjarji mill-2021 sal-2022.

(6) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE [2] tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mazars huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għas-snin finanzjarji 2021 sa 2022.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

[1] ĠU C 403, 6.10.2021, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PODGORŠEK